**Emenda 1**
**Charles Goerens**
f'isem il-Grupp ALDE
**Lola Sánchez Caldentey**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Maria Heubuch**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ignazio Corrao**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B8-0390/2017**
**Bogdan Brunon Wenta, Norbert Neuser, Linda McAvan**
f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp
Stqarrija konġunta mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid – id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jilqa'*** r-rikonoxximent ***ċar*** mill-Kunsens il-ġdid li l-objettiv primarju tal-politika tal-UE għall-iżvilupp huwa t-tnaqqis u, fit-terminu twil, il-qerda tal-faqar skont l-Artikolu 208 tat-TFUE; itenni li dan jenħtieġ li jsir f'konformità sħiħa mal-prinċipji ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp effikaċi: is-sjieda tal-prijoritajiet għall-iżvilupp minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-enfasi fuq ir-riżultati, is-sħubiji inklużivi, u t-trasparenza u r-responsabbiltà; | 3. ***Jirrikonoxxi*** r-rikonoxximent mill-Kunsens il-ġdid li l-objettiv primarju tal-politika tal-UE għall-iżvilupp huwa t-tnaqqis u, fit-terminu twil, il-qerda tal-faqar skont l-Artikolu 208 tat-TFUE***; jemmen, barra minn hekk, li l-indirizzar tal-inugwaljanzi, kif rikonoxxut mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, irid ikun ukoll waħda mill-miri***; itenni li dan jenħtieġ li jsir f'konformità sħiħa mal-prinċipji ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp effikaċi: is-sjieda tal-prijoritajiet għall-iżvilupp minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-enfasi fuq ir-riżultati, is-sħubiji inklużivi, u t-trasparenza u r-responsabbiltà; ***ifakkar fil-pożizzjoni adottata mill-Parlament dwar il-finanzjament għall-iżvilupp u għar-responsabbiltà, dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp u dwar is-sigurtà u l-iżvilupp;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

30.5.2017 B8-0390/2

**Emenda 2**
**Charles Goerens**
f'isem il-Grupp ALDE
**Lola Sánchez Caldentey**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Maria Heubuch**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ignazio Corrao**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0390/2017**
**Bogdan Brunon Wenta, Norbert Neuser, Linda McAvan**
f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp
Stqarrija konġunta mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid – id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Josserva li ċerti proposti reċenti jistgħu jitqiesu bħala ffukar mill-ġdid fuq il-politika tal-iżvilupp mill-perspettiva l-ġdida tal-ġestjoni tal-migrazzjoni; jemmen li jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda kundizzjonalità bejn l-għajnuna għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni minn pajjiżi benefiċjarji dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u jopponi kwalunkwe tentattiv biex l-għajnuna tintrabat mal-kontrolli fil-fruntieri, il-ġestjoni tal-flussi migratorji jew il-ftehimiet ta' riammissjoni; jissottolinja l-ħtieġa ta' skrutinju parlamentari mill-qrib u ta' monitoraġġ tal-ftehimiet marbuta mal-ġestjoni tal-migrazzjoni u ta' użu marbut mal-migrazzjoni ta' fondi għall-iżvilupp;*** |

Or. en

30.5.2017 B8-0390/3

**Emenda 3**
**Charles Goerens**
f'isem il-Grupp ALDE
**Lola Sánchez Caldentey**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Maria Heubuch**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ignazio Corrao**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0390/2017**
**Bogdan Brunon Wenta, Norbert Neuser, Linda McAvan**
f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp
Stqarrija konġunta mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid – id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi segwita b'mod strett ir-riforma reċenti tal-ODA dwar l-użu ta' strumenti tal-iżvilupp għall-politika tas-sigurtà billi jiġi applikat objettiv ċar dwar il-qerda tal-faqar u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 4**
**Charles Goerens**
f'isem il-Grupp ALDE
**Lola Sánchez Caldentey**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Maria Heubuch**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ignazio Corrao**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0390/2017**
**Bogdan Brunon Wenta, Norbert Neuser, Linda McAvan**
f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp
Stqarrija konġunta mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid – id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jappoġġja*** l-istqarrija konġunta mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid – id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna; | 5. ***Ma jappoġġjax*** l-istqarrija konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid – id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna***, minħabba d-diverġenza tagħha mill-pożizzjoni tal-Parlament fuq dawn l-elementi ewlenin u l-fatt li l-Kunsens il-ġdid ikun jikkostitwixxi pass lura meta mqabbel mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp maqbul fl-2005***; |

Or. en